**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Diċembru, 2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Raymond Buhagiar, detentur ta' Karta tal-Identità numru 134256M.**

*Kumpilazzjoni Nru.69/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Raymond Buhagiar u ċioe` talli:

> Bejn Lulju 2016 u Frar tas-sena 2022 ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju, għad-detriment ta' **Joseph Agius** u/jew **Peter Charles Agius u/jew Philip Agius** u/jew persuni jew entitajiet oħra, liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

*Artikoli 293, 294, 310 (1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

   *Artikoli 49, 50 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-3 ta' Jannar, 2023.[1]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-10 t'April, 2023,[2] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

Fl-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2023 l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[3]

Rat li fl-istess udjenza l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk ried setgħa jerġa lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm ingħata żmien jikkonsulta mal-abbli difensur tiegħu.

[1] Fol.135
[2] Fol.201
[3] Fol.216

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali mtappna tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament ta' dak li ġie kkonstatat mill-Probation Officer li ħejja il-*Pre-Sentencing Report*. Ġie kunsidrat li l-imputat hu reċidiv filwaqt li ittieħed kont li ammetta għall-iżball tiegħu w talab li jkun jista' jagħmel riparazzjoni billi jħallas lill-vittmi lura. Tenut kont li l-imputat kellu altru żmien suffiċjenti biex jekk verament kien intenzjonat jagħmel restituzzjoni sħiħa, dan seta' jagħmilha, il-Qorti ser timponi limitu massimu ta' sitt xhur sabiex isir dan. F'każ li ma jasalx qed jingħad minn issa li l-Qorti mhux ser tkun disposta li tagħti xi żmien ulterjuri u tkun ser tgħaddi biex tittratta mal-imputat li qed jiffaċċja massimu ta' disa' snin priġunerija liema żmien jista' jiżdied in kwantu l-imputat hu reċidiv.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn hu fl-interess tal-vittmi li l-imputat jibqa' f'pożizzjoni fejn għandu jħallas ta' dak li b'qerq approprija indebitament ruħu minnu, w ċioè is-somma li llum għandha bilanċ ta' €47,000, piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja. Madanakollu, l-imputat irid jrodd lura anke lis-soċjetà li tagħha kiser il-ligijiet msejsa biex jipproteġuha minn ilpup frawdolenti u makkaki bħal ma wera li jaf ikun hu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* u servizz.

L-ordni ta' *probation* li qed issir ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation*** hu għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum filwaqt li l-ħati qed jiġi ordnat jaqdi mitt (100) siegħa ta' servizz fil-komunità, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation.

A tenur tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lill-imputat sabiex fi żmien sitt xhur millum iħallas il-kumplament ta' dak dovut minnu lill-aħwa Agius u dan b'pagamenti mensili bid-dekadenza. F'każ li ma jsirx pagament wieħed, il-kumplament dovut għandu jithallas minnufih mingħajr eċċezzjonijiet jew skużi ulterjuri li l-Qorti ormai xebgħet tisma mingħand l-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni jew jekk ma jagħmilx il-ħlas kollu dovut fi żmien sitt xhur millum bil-mod kif ordnat.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur tal-vittmi l-aħwa Joseph Agius, Peter Charles Agius u Philip Agius għal żmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**